SENTENZA TAL-QORTI

tat-22 ta' Lulju 2013

fil-Kawża E-15/12

Jan Anfinn Wahl vs l-Istat Islandiż

(L-Artikolu 3 taż-ŻEE – l-Artikolu 7 taż-ŻEE – Il-forma u l-metodu tal-implimentazzjoni tad-direttivi – Id-Direttiva 2004/38/KE – Moviment ħieles taċ-ċittadini taż-ŻEE – Restrizzjonijiet fuq id-dritt tad-dħul – Garanziji proċedurali)

(2013/C 309/06)

Fil-Kawża E-15/12 Jan Anfinn Wahl vs l-Istat Islandiż – TALBA lill-Qorti minn Hæstiréttur Íslands (il-Qorti Suprema tal-Islanda) skont l-Artikolu 34 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti ta' Ġustizzja li jikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 27 tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familji tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, il-Qorti magħmula minn Carl Baudenbacher, il-President (Imħallef-Relatur) u Per Christiansen u Páll Hreinsson, Imħallfin, qatgħet is-sentenza fit-22 ta' Lulju 2013, li d-dispożittiv tagħha huwa kif ġej:

(1) Skont l-Artikolu 7 taż-ŻEE, Stat taż-ŻEE/tal-EFTA għandu l-għażla tal-forma u l-metodu meta jimplimenta att li jikkorispondi mad-Direttiva 2004/38/KE fl-ordni ġuridika tagħha. Skont il-kuntest legali, l-implimentazzjoni ta' Direttiva mhux bilfors teħtieġ azzjoni leġiżlattiva, sakemm tiġi implementata b'forza vinkolanti inkontestabbli u bl-ispeċifiċità, bil-preċiżjoni u biċ-ċarezza meħtieġa biex tissodisfa r-rekwiżiti ta' ċertezza legali.

(2) Huwa suffiċjenti għal Stat taż-ŻEE li jibbaża deċiżjoni skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva biex ma jagħtix permess lill-individwu li jkun ċittadin ta' Stat ieħor taż-ŻEE permess biex jidħol fit-territorju tiegħu fuq il-bażi ta' politika pubblika u/jew sigurtà pubblika biss fuq valutazzjoni ta' periklu, li tivvaluta r-rwol tal-individwu fl-adeżjoni ta' karta ġdida lil organizzazzjoni li l-individwu jkun membru tagħha u li tikkonkludi li l-organizzazzjoni hija assoċjata mal-kriminalità organizzata u li fejn tali organizzazzjoni rnexxielha tistabbilixxi ruħha, il-kriminalità organizzata żdiedet. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li l-proċess ta' valutazzjoni jkun ibbażat b'mod esklussiv fuq il-kondotta personali tal-individwu kkonċernat. Barra minn hekk, din il-kondotta personali trid tirrappreżenta theddida ġenwina, preżenti u biżżejjed serja għal wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà, u r-restrizzjoni fuq id-dritt għad-dħul għandha tkun proporzjonata. Fl-isfond ta' kwistjonijiet rilevanti ta' fatt u ta' liġi, huwa għall-qorti nazzjonali li tiddetermina jekk dawn ir-rekwiżiti jkunux intlaħqu.

(3) Stat taż-ŻEE ma jistax ikun obbligat li jiddikjara organizzazzjoni u sħubija fiha illegali qabel dan ikun jista' jiċħad membru ta' din l-organizzazzjoni li jkun ċittadin ta' Stat ieħor taż-ŻEE il-pemess biex jidħol fit-territorju tiegħu skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva jekk rikors għal dikjarazzjoni bħal din ma jkunx ikkunsidrat xieraq fiċ-ċirkostanzi. Madankollu, l-Istat taż-ŻEE jrid ikun spjega b'mod ċar il-fehma tiegħu fir-rigward tal-attivitajiet ta' din l-organizzazzjoni u, fil-każ li l-attivitajiet ikunu kkunsidrati bħala theddida għall-politika pubblika u/jew sigurtà pubblika, dan kellu jieħu miżuri amministrattivi biex jikkumpensa għal dawn l-attivitajiet.

(4) Sabiex jinvoka theddida tal-politika pubblika u/jew tas-sigurtà pubblika skont l-Artikolu 27(1) tad-Direttiva mhuwiex suffiċjenti li Stat taż-ŻEE jkun iddefinixxa bħala punibbli, kondotta li tikkonsisti f'kompliċità ma' persuna oħra fil-kummissjoni ta' att, li l-kummissjoni tiegħu hija parti mill-attivitajiet ta' organizzazzjoni kriminali.

(5) L-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali għandhom jiżguraw li hemm biżżejjed evidenza sabiex jiġi konkluż skont l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva li l-individwu kkonċernat kien probabbilment se jipparteċipa f'imġiba personali li tirrappreżenta theddida ġenwina, preżenti u biżżejjed serja li tkun taffettwa wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà. Hija l-qorti nazzjonali li tiddetermina, f'konformità mal-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività, jekk dan ikunx il-każ.